



Udjenza solenni ta' eloġju funebri għall-memorja tal-ex Avukat Ġenerali Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer

Illum, fl-16.30, fis-Sala l-Kbira tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, saret udjenza solenni ta' eloġju funebri għall-memorja tal-ex Avukat Ġenerali Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer, membru tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995, li miet fit-12 ta' Novembru 2009.

Imwieled fl-1949, Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer kien Imħallef, wara Maġistrat mal-Consejo General del Poder Judicial (Kunsill Superjuri tal-Maġistratura Spanjol). Serva bħala professur u okkupa l-post ta' Kap tal-Kabinett tal-President tal-Kunsill tal-Maġistratura. Imħallef *ad hoc* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u maġistrat tat-Tribunal Supremo mill-1996, Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer kien mid-19 ta' Jannar 1995 Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355